MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1067/2003/1

**Scerri Sandro**

**vs**

**Darmanin Simon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Sandro Scerri li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Fit-3 ta' Dicembru, 2001 gewwa Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, waqt li l-konvenut Simon Darmanin kien qed isuq il-vettura bin-numru ra' registrazzjoni DAI-982, habat gol-mutur numru ta' registrazzjoni KLX-651 misjuq mill-attur u propjetà tieghu stess;

Ghal dan l-incident jaghti unikament il-konvenut Simon Darmanin stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

L-attur sofra danni konsiderevoli fil-mutur u griehi serji b'rizultat tal-istess incident;

Simon Darmanin gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kagunati u risultanti mll-imsemmi incident izda xorta wahda baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi kien Simon Darmanin unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi b'rizultat ta' l-incident awtomobilistiku tat-3 ta' Dicembru 2001;

2. Tiddikjara okkorendo bl-opera ta' periti nominandi li l-attur sofra dizabilità permanenti b'rizultat tal-griehi gravi

kkagionati lilu fl-incident in kwistjoni u tiddetermina il-persentagg ta’ din id-dizabilità;

3. Tillikwida okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu;

4. Tillikwida okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi d-danni kollha sofferti mill-attur fuq il-persuna tieghu;

5. Tikkundanna lil Simon Darmanin ihallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati;

Bl-ispejjez u interessi legali ikkalkolati mid-data ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Awwissu 2003, komprizi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali tal-25 ta’ Awwissu, 2003, kif ukoll tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta li permezz taghha il-Qorti laqghet it-talbiet kollha tal-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ €32,702.07, bl-ispejjez.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li permezz taghha s-sentenza fuq imsemmija giet dikjarata nulla u bla effett u l-atti mibghutha lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex issir id-debita notifika u l-kaz jigi trattat u deciz fil-mertu skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Simon Darmanin li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok u **in linea preliminari**, l-esponenti jecepixxi d-dezerzjoni tal-kawza odjerna stante li l-proceduri bil-

miktub ma gewx maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur kif preskritt fl-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-esponent Simon Darmanin gie notifikat bic-citazzjoni sahansitra **aktar minn ghaxar snin** wara d-data tal-prezentata tac-citazzjoni;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent Simon Darmanin izda sehh unikament bi htija tal-istess rikorrent;

3. Ghalhekk, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent ghandhom jigu rigettati wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponent Simon Darmanin, m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent;

4. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entità tad-danni pretizi mir-rikorrent huwa kontestat. Ghaldaqstant, ir-rikorrent ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi;

5. Il-hames talba tar-rikorrent ghandha wkoll tkun michuda billi l-esponent Simon Darmanin m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrent;

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessa fil-ligi u bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat illi din hija kawza ghad-danni wara incident stradali li sehh fit-3 ta' Dicembru 2001. L-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' htija u kundanna ghad-danni. Il-konvenut qieghed

jeccepixxi d-deserzjoni ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti jirrizulta illi c-citazzjoni fil-kawza giet prezentata fis-16 ta' Ottubru 2003. Giet deciza mill-ewwel Qorti fil-kontumacja tal-konvenut, fl-4 ta' Gunju 2009. Minn din is-sentenza gie ntavolat appell li gie deciz fit-28 ta' Settembru 2012. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell testwalment ipprovdiet illi:

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-appell kif interpost u dan billi tiddikjara li l-appellant qatt ma gie debitament notifikat kif tippreskrivi l-Ligi bic-citazzjoni numru 1067/2003 u b'hekk id-decizjoni fl-ismijiet premessi moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Gunju 2009 hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex issir d-debita notifika u l-kaz jigi trattat u deciz fil-mertu skond il-Ligi.*
>
> *Bl-ispejjez riservati ghad-decizjoni finali."*

Fil-11 ta' Ottubru 2012 din il-Qorti kif presjeduta, qeghdet il-kawza fuq il-lista ghas-smiegh ghas-6 ta' Frar 2013. L-atti tal-kawza gew finlament notifikati fis-6 ta' Novembru 2013.

F'sentenza ricentissima (27 ta' Gunju 2014) (Pavia vs Camilleri) il-Qorti tal-Appell ezaminat il-gurisprudenza precedenti fil-materja ta' dezerzjoni u sahqet fuq ir-rekwizit tas-subartiklu (3) tal-Art. 963 li testwalment jipprovdi illi:

*"Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità."*

F'dak il-kaz, l-ewwel Qorti qalet illi billi l-ordnijiet li kellha taghti l-Qorti skond dan l-artikolu ma nghatawx, il-kawza ma tistax titqies dezerta.

Il-Qorti tal-Appell kompliet billi rriteniet illi:

*"L-appellant jghid, li b'din l-interpretazzjoni, kawzi ma jistghu qatt jaqghu dezerti jekk mhux in segwitu li l-Qorti tkun tat dawk l-ordnijiet kif kontemplat fid-disposizzjoni in dizamina. Din il-Qorti tghid li, fil-fatt, hekk hu."*

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi tul id-diversi snin li damet ma giet notifikata l-kawza lill-intimat l-Qorti pprocediet ai termini tal-fuq imsemmi artikolu tal-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------